# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 12 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 8**

**Rikors Nru. 234/2023**

## Caroline u Lawrence Said Dudley Ward

## v

## Marianna u Vladimir Petropoljac

**Fil-qosor**

1. Fis-sena 2016, ir-rikorrenti daħlu fi ftehim għall-provvediment ta' servizzi ta' investiment mal-intimat Vladimir Petropoljac bħala l-*Head of Business Development* tal-kumpanija '*Sensus Capital Markets Limited'*. Huma kkonsenjaw is-somma globali ta' €40,000 (€20,000 kull wieħed) bl-iskop li din tintuża fit-tali investimenti u tiġi rritornata lilhom mal-iskadenza tal-kuntratt, inkluż kwalsiasi profitti u interessi li setgħu għamlu bl-investiment tagħhom, u wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u d-drittijiet dovuti lill-intimati.

2. Illum it-terminu kuntrattwali għalaq iżda l-investiment tagħhom qatt ma reġa' ġie rritornat lilhom. Irriżulta li Vladimir Petropoljac ma kienx verament awtorizzat biex jaġixxi f'isem il-kumpanija msemmija, u li bl-użu tal-prokura li tawh ir-rikorrenti, huwa ddispona mill-fondi li kienu preċedentament jinsabu f'kontijiet bankarji f'isem ir-rikorrenti.

3. Fuq il-kwerela tar-rikorrenti, l-intimati tressqu l-qorti fuq akkużi ta' frodi u misapproprijazzjoni. Għalkemm dawn il-proċeduri għadhom pendenti, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża ċivili sabiex il-qorti tillikwida d-danni li sofrew b'riżultat tal-frodi u tal-misapproprijazzjoni li jgħidu twettqu mill-intimati.

4. F'din il-kawża il-qorti ser teżamina jekk ġiex ipprovat fuq proponderanza ta' probabbilitajiet li l-intimati huma imputabbli għar-reati ta' misapproprijazzjoni u frodi; f'liem każ, il-qorti ser tillikwida d-danni dovuti lir-rikorrenti b'riżultat tat-tali aġir illeċitu.

**Rikors ġuramentat**

5. Fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tas-7 ta' Marzu 2023, dawn spjegaw:-[1]

   i. Illi l-atturi kienu għaddew diversi somom ta' flus lill-konvenuti sabiex il- konvenuti jinvestu dawn il-flejjes ma' kumpanija estera, u dan peress illi l- konvenuti ppr estaw ruħhom bhala rapprezentanti ta' kumpanija estera tal- investimenti.
   ii. Illi, sussegwentement irrizulta pero illi l-konvenuti kienu ottjenew dawn il- flus mingħand l-atturi b'mod frodulenti peress illi l-konvenuti ma kellhomx ir-rapresentanza tal-kumpanija estera kif minnhom pretiz, u konsegwentement il-flus imballsa mill-atturi gew misapproprejati mill-konvenuti.
   iii. Illi, b'konsegwenza ta' dan, l-atturi ghamlu rapport mal-Pulizija Ezekuttiva fuq frodi u rnisappropreazzjoni u konsegwentement ittiehdu proccduri kriminali kontra l-konvenuti, liema proceduri jinsabu pendenti quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Donatella Frcrndo Dimech.
   iv. Illi, nonostante dan, l-atturi ghadhom ma gew rifuzi xejn mill-flus mgħoddija lill-konvenuti.
   v. Illi l-esponenti jafu b' dawn il-fatti personalment.

6. Għal dawn ir-raġunijiet, huma talbu lill-qorti sabiex:-

   i. Tiddikjara li l-konvenuti solidament bejniethom huma debituri tal-atturi fsomma li għad trid tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentati flejjes meħuda mingħand l-atturi b'qerq u misapproprejati mill-konvenuti kif hawn fuq spjegat.
   ii. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi, ai fini tal-ewwel talba.
   iii. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.
   iv. Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' mandat ta' inibizzjoni Nru. 126/2023AF, l-imgħax, u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

[1] Ara r-rikors ġuramentat ta' Caroline u Lawrence Said Dudley Ward tas-7 ta' Marzu 2023, f'paġni 1-3.

7. L-intimati ġew innotifikati permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni fit-23 ta' Jannar 2024.[2] Minkejja dan, dawn ma ppreżentawx risposta ġuramentata u għalhekk ġew iddikjarati kontumaċi fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024.

**Fatti tal-kawża**

8. Ir-rikorrenti Caroline u Lawrence Said Dudley Ward jispjegaw li saru jafu lill-konvenuti Marianna u Vladimir Petropoljac f'2015, peress li t-tfal tagħhom jattendu l-istess skola.[3] Vladimir qalilhom li jaħdem ma' kumpanija liċenzjata f'Malta biex tipprovdi servizzi ta' investiment, cioè l-kumpanija '*Sensus Capital Markets Limited'*. Qalilhom li bħala l-*Head of Business Development* ta' din il-kumpanija, xogħolu kien li jinvesti l-flus tan-nies u li b'dan ix-xogħol, hu u Marianna kienu jaqilgħu somma tajba.[4]

9. Caroline u Lawrence xtaqu xi ftit flus żejda biex ikunu jistgħu jibgħatlu lit-tifla tagħhom fi skola privata,[5] u għalhekk iddeċidew li jagħmlu użu tas-servizzi tal-konvenuti biex jinvestu xi flus fil-FOREX Trading.[6]

10. Ir-rikorrenti kellhom il-ħsieb li jinvestu s-somma ta' €10,000 kull wieħed. Però fuq il-parir ta' Vladimir, huma iddeċidew li jinvestu €20,000 kull wieħed.[7] F'Novembru 2015, Vladimir qalilhom biex jagħtuh il-flus sa Jannar 2016 jekk xtaqu jinvestu l-flus f'2016. Huma hekk għamlu. Infatti fis-7 ta' Jannar 2016, huma ffirmaw *asset management contract* b'terminu ta' sena, u ttrasferew is-somma ta' €20,000 kull wieħed lill-kumpanija '*GBE Safeway Transactions Limited'* – liem kumpanija tifforma parti mill-grupp *Sensus Capital Markets Limited*.[8]

---

[2] Pg 26-39c.
[3] Ara x-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward f'paġni 75-80.
[4] Ara r-rapport tal-pulizija li għamlet Caroline Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 59-60, ir-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66, u l-korrispondenzi elettroniċi bejn ir-rikorrenti u l-intimat f'paġni 61-64.
[5] Ara x-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward f'paġni 75-80.
[6] Ara r-rikors ġuramentat ta' Caroline u Lawrence Said Dudley Ward tas-7 ta' Marzu 2023, f'paġni 1-3.
[7] Ara x-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward f'paġni 75-80.
[8] Ara l-*asset management contract* bejn MABECO Consulting AG u Caroline Said Dudley Ward, f'paġni 55-58; u l-*asset management contract* bejn MABECO Consulting AG u Lawrence Said Dudley Ward, f'paġni 68-71.

11. Però l-kuntratti għall-provvediment tas-servizzi ta' investiment li ffirmaw ir-rikorrenti ma kienux mal-kumpanija *Sensus Capital Markets Limited* iżda mal-kumpanija '*MABECO Consulting AG Management*'. Fil-kuntratt li ffirmaw ir-rikorrenti, ġiet imsemmija kumpanija oħra – il-kumpanija '*Kingstone Group Limited'* (C 56859) – li kien ser imissha *commission* fuq kull investiment kif ukoll 70% tal-*performance fee.* Skont id-dokumenti ppreżentati, il-konvenuti huma l-uniċi diretturi u azzjonisti ta' din il-kumpanija.[9]

12. Il-ftehim ma' Vladimir kien li dan jinvesti nofs is-somma tar-rikorrenti f'investimenti b'riskju għoli (*high-risk*), filwaqt li n-nofs l-ieħor kellu jintuża f'investimenti b'riskju baxx (*low-risk*).[10] Ir-rikorrenti ffirmaw ukoll prokura biex jawtorizzaw lil Vladimir – f'isem il-kumpanija *Sensus Capital Markets Limited* – biex jinvesti flushom f'isimhom.[11]

13. Hekk kif ġew iffirmati l-kuntratti rispettivi, ir-rikorrenti bdew jirċievu *statements* bankarji minn '*GBE Brokers Limited'.* Skont dawn l-*istatements*, il-kontijiet tar-rikorrenti kienu f'*debitu*. Meta Caroline saqsiet lil Vladimir dwar dan, huwa informaha li kien ħa l-flus mill-kontijiet bankarji tagħhom biex ikun jista' jinvestihom – u li kien għalhekk li l-kontijiet tagħhom kienu jidhru li huma *in debit*.[12]

14. Fid-29 ta' Ġunju 2016, Lawrence irċieva email mingħand *GBE Brokers Limited*, fejn ġie informat li l-prokura li kien għamel għal Vladimir, kienet ġiet irrevokata. Lawrence minnufih avża lil Vladimir dwar dan. Vladimir qallu li kien ser jieħu ħsiebha hu u saqsa lil Lawrence biex jibgħatlu l-email li kien irċieva. Lawrence hekk għamel – fl-1 ta' Lulju 2016 - u wara dan, huwa qatt ma reġa' sema' mingħand *GBE Brokers Limited*.[13]

---

[9] Ara l-*memorandum* u l-*articles of association* ta' *Kingstone Group Limited* (C 56859) f'paġni 43-53.
[10] Ara l-korrispondenzi elettroniċi bejn ir-rikorrenti u l-intimat f'paġni 61-64.
[11] Ibid. Ara r-rapport tal-pulizija li għamlet Caroline Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 59-60, u r-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66.
[12] Ara r-rapport tal-pulizija li għamlet Caroline Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 59-60, u r-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66.
[13] Ara r-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66.

15. Sadanittant Vladimir kien ta' spiss jassigura lir-rikorrenti li l-investimenti tagħhom kienu sejrin tajjeb. Infatti f'Novembru 2016, huwa qalilhom li kienu għamlu profitt ta' €4,000 kull wieħed fuq l-investimenti tagħhom.[14]

16. Fis-7 ta' Jannar 2017 kien għalaq it-terminu tal-kuntratt li ffirmaw ir-rikorrenti. Skont Vladimir, ir-rikorrenti kienu issa għamlu profitt ta' €6,000 kull wieħed. Meta r-rikorrenti informaw lil Vladimir li xtaqu jillikwidaw l-investiment tagħhom, Vladimir qalilhom li kien ser jibgħatilhom il-formola li kellhom bżonn jimlew sabiex ikunu jistgħu jiżbankaw il-flus.[15]

17. Jannar, Frar u Marzu 2017 għaddew u Vladimir kien għadu ma bagħtilhomx din il-formola. Għalhekk Caroline ddeċidiet li tmur tkellmu fl-uffiċju fejn Vladimir kien qalilhom li jaħdem, u fejn ir-rikorrenti kienu ltaqgħu miegħu fil-passat. Meta kienet hemm, Caroline tkellmet mad-direttur ta' '*Argentinius'* – kumpanija finanzjarja b'uffiċju fl-istess bini. B'sorpriża għal Caroline, dan informaha li ma kien hemm ħadd bl-isem 'Vladimir Petropoljac' li jaħdem f'dak il-bini. Wara li tkellmet ukoll mar-*receptionist* u informatha li hija kienet fil-fatt iltaqgħet ma' Vladimir f'dik il-binja, Caroline saret taf li Vladimir ma kellux uffiċju hemm iżda kien sempliċiment jikri l-*boardroom* tal-kumpanija *Argentinus* għal-laqgħat li kellu mar-rikorrenti.[16]

18. Mingħajr m'għarfitu xejn dwar x'kien ġara fil-binja ta' *Argentinius*, Caroline ċemplet lil Vladimir, li ssuġġerilha biex jiltaqgħu f'*cafeteria* f'Ta' Sliema. Meta ltaqgħu, Vladimir kompla jassiguraha li l-investiment tagħhom kien sejjer tajjeb; tant li r-rikorrenti kienu issa

---

[14] Ara r-rapport tal-pulizija li għamlet Caroline Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 59-60, u r-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66.
[15] Ibid.
[16] Ara r-rapport tal-pulizija li għamlet Caroline Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 59-60, u r-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66. Ara x-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward f'paġni 75-80.

għamlu l-profitt ta' €7500 kull wieħed. Huwa reġa' wegħidha li kien ser ikun qiegħed jibgħatilhom il-formola li riedu jimlew biex ikunu jistgħu jiżbankaw il-flus.[17]

19. Caroline informat lir-raġel tagħha x'kien ġara. Peress li l-fiduċja tagħhom fi Vladimir issa bdiet tmajna, huma ddeċidew li jitkellmu direttament mal-kumpanija li rċeviet il-flus tar-rikorrenti – cioè l-kumpanija *GBE Safeway Transactions Limited*, u mal-kumpanija li daħlet fil-ftehim tal-provvediment tas-servizzi finanzjarji mar-rikorrenti – cioè l-kumpanija *MABECO Consulting AG Management*. Meta Lawrence ċempel lill-uffiċini ta' *GBE Safeway Transactions Limited* f'Ċipru u ta' *MABECO Consulting AG Management* fl-Isvizzera, huwa ġie informat li ma kien hemm l-ebda flus fil-kontijiet bankarji tiegħu u tal-mara.[18]

20. Rinfaċċjata b'din l-aħbar, Caroline ddeċidiet li terġa' ċċempel lil Vladimir fil-5 ta' April 2017 biex tistaqsih x'ġara minn flushom – liem telefonata hija rrekordjat bil-permess tiegħu. Vladimir ċaħad dak li kienu qalu *GBE Safeway Transactions Limited* u *MABECO Consulting AG Management* u insista li flushom kienu fil-kontijiet bankarji tagħhom. Huwa reġa' wegħidha li kien ser jibgħat il-formola msemmija fi żmien tlitt ijiem.[19]

21. Peress li r-rikorrenti kienu issa inkwetati sew, fl-10 ta' April 2017, huma ddeċidew li jippreżentaw kwerela kriminali fir-rigward ta' dak kollu li ġara. Fl-1 ta' Settembru 2017, huma għamlu wkoll rapport fil-konfront tal-intimati fl-Għassa tal-Furjana (id-Depot). Sadanittant huma komplew jiġru wara Vladimir biex itihom il-flus lura. Jidher li t-ton ta' Vladimir kien issa nbidel; infatti, meta r-rikorrenti pprovaw iċemplulu, huwa kien issa qed jheddidhom u jgħidilhom li huwa m'huwiex responsabbli għal flushom.[20]

---

[17] Ara r-rapport tal-pulizija li għamlet Caroline Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 59-60, u r-rapport tal-pulizija li għamel Lawrence Said Dudley Ward fl-1 ta' Settembru 2017, f'paġni 65-66.
[18] Ibid.
[19] Ibid.
[20] Ibid.

22. B'konsegwenza tal-kwerela tar-rikorrenti, infetħu proċeduri kriminali kontra l-intimati fuq akkużi ta' frodi u misapproprijazzjoni – liem proċeduri għadhom pendenti sal-ġurnata tal-lum, u qed jinstemgħu mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech. Fil-mori ta' din il-kawża, ġie mħarrek rappreżentant mill-Jobsplus biex jixhed dwar l-impjieg ta' Vladimir. Dan ikkonferma li Vladimir qatt ma kien impjegat mal-kumpanija *Sensus Capital Markets Limited,* kif kien qal lir-rikorrenti. Kien f'dan il-punt li r-rikorrenti ndunaw ukoll li Vladimir – li kien wieġeb xi domandi fuq il-kwestjonarju li kellhom jimlew ir-rikorrenti qabel ma setgħu jottjenu s-servizzi ta' investiment – kien falsament idddikjara li r-rikorrenti xtaqu jinvestu s-somma sħiħa f'negozji b'riskju għoli (*high-risk*).[21]

23. F'April 2019, Vladimir u Marianna ġew arrestati fuq akkużi ta' ħasil tal-flus (*money laundering*). Dawn il-proċeduri huma preżentement pendenti quddiem il-Maġistrat Leonard Caruana.[22] Jidher li l-intimati ġew assoġġettati wkoll għall-ordni ta' ffriżar.

24. Fis-7 ta' Marzu 2023, ir-rikorrenti ddeċidew li jiftħu din il-kawża, u dana wara li ltaqgħu ma' xi nies oħra li ġew ukoll jgħidu li ġew iffrodati mill-intimati.[23] Huma qiegħdin jitolbu sabiex il-qorti tillikwida d-danni riżultanti mill-qerq u misapproprijazzjoni tal-intimati, u sabiex tikkundannahom iħallsu s-somma hekk likwidata.[24]

**Analiżi tal-Qorti**

*Danni ċivili riżultanti minn reat kriminali*

25. Ir-rikorrenti qiegħdin ifittxu l-likwidazzjoni tad-danni li huma jgħidu li sofrew b'riżultat tal-misapproprijazzjoni u l-frodi li wettqu l-intimati. Tajjeb li jiġi nnotat li sal-ġurnata preżenti, għadha ma ġietx deċiża l-kawża kriminali kontra l-intimati. Dan ifisser li l-ħtija

---

[21] Ibid. Ara wkoll x-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward f'paġni 75-80.
[22] Ara x-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward f'paġni 75-80.
[23] Fix-xhieda ta' Caroline Said Dudley Ward, hija ssemmi li dawn l-individwi wkoll fetħu kawża kontra l-intimati. Dana b'riferenza għall-sentenza fl-ismijiet ta' *Baldacchino Eucharist et vs Petropoljac Vladimir et* (502/2023), deċiża fis-27 ta' Frar 2024 minn din il-qorti kif preseduta.
[24] Ara r-rikors ġuramentat ta' Caroline u Lawrence Said Dudley Ward tas-7 ta' Marzu 2023, f'paġni 1-3.

kriminali tal-intimati riferibbilment għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ta' misapproprijazzjoni u frodi, għadha ma ġietx determinata.

26. Madanakollu dan m'għandux jinċidi fuq il-jedd tar-rikorrenti biex jipprevalixxu ruħhom mir-rimedju ċivili għar-riżarċiment tad-danni kkawżati mill-allegat għemil doluż tal-intimati. Dan għaliex, kif jingħad fis-sitt artikolu tal-Kap. 9, "l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra."

27. Dan ifisser li l-azzjoni ċivili tista' tirnexxi anke jekk l-akkużat jiġi lliberat fil-proċess kriminali. Infatti din hija possibbiltà li tista' faċilment tavvera ruħha minħabba l-fatt li l-piż ta' prova fil-kamp ċivili (proponderanza/ bilanċ ta' probabbilitajiet) huwa ferm inqas oneruż minn dak meħtieġ f'azzjoni kriminali (lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni).

28. Dan ifisser ukoll li sabiex tirnexxi l-azzjoni ċivili għar-riżarċiment ta' danni riżultanti minn reat kriminali, "mhux meħtieġ li jkunu ttieħdu proċeduri kriminali fil-kuntest ta' dak l-aġir, u lanqas li l-kontro-parti tkun passibbli għall-proċedura kriminali."[25] Fil-fatt it-terminu biex wieħed jipproċedi b'azzjoni ċivili f'dan il-każ, ma jiġix sospiż sakemm tiġi ddeterminata l-ħtija tal-akkużat.

29. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti m'hijiex ser tqis l-fatt li għadhom ma ġewx deċiżi l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimati. Hija sejra minflok tiddeċiedi jew ġewx ippruvati, fuq proponderanza ta' probabbilitajiet, l-elementi neċessarji biex jissussistu r-reati ta' misapproprijazzjoni u frodi, u fl-affermattiv, jekk il-konvenuti humiex imputabbli tal-istess għemil. F'każ li l-fatt illeċitu u l-imputabbilità tal-konvenuti (jew ta' wieħed minnhom) jkunu ġew sodisfaċament ippruvati, il-qorti għandha imbagħad tiddetermina d-danni li ġew ikkaġunati b'riżultat tal-istess fatt illeċitu u għandha tikkundanna l-parti jew il-partijiet imputabbli għar-riżarċiment tal-istess.

---

[25] Ara 765/01, *Isabelle Borg et vs Robert Galea et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 19 ta' Ottubru 2007, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.

**Misapproprijazzjoni**

30. Ir-reat ta' misapproprijazzjoni jew 'approprijazzjoni bla jedd' huwa deskritt fl-artikolu 293 tal-Kap. 9. Dan jiddisponi:-

> Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet f'data jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

31. Hekk kif jista' jiġi nnotat mill-qari ta' dan l-artikolu, hemm tliet rekwiżiti li jeħtieġ li jikkonkorru biex jissussisti dan ir-reat. Fl-ewwel lok, jeħtieġ prova li jkun ġie fdat jew ikkonsenjat lill-akkużat, oġġett ta' ħaddieħor, biex isir minnu użu determinat, jew taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu ta' restituzzjoni (il-'konsenja speċjali').[26] Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi ppruvat li l-akkużat ikun ikkonverta l-ħaġa li jkun irċieva għall-benefiċċju tiegħu stess, jew inkella li jkun iddispona mill-ħaġa kuntrarjament għal dak li ġie miftiehem b'rieda tajba (il-'konverżjoni').[27] Finalment jeħtieġ li l-intent wara dan ikun sabiex l-akkużat jdawwar profitt għalih jew għal persuna oħra (il-'mens rea').

*Il-konsenja speċjali*

32. F'dan il-każ ir-rikorrenti fdaw lill-intimati bis-somma globali ta' €40,000 sabiex Vladimir jinvestiha u jerġa' jirritorna l-investiment tagħhom fi żmien sena, inkluż kwalsiasi profitti u interessi li seta' jkun hemm, u wara li jkunu ġew imnaqqsa l-ispejjeż u d-drittijiet miftiehma fil-kuntratt tas-7 ta' Jannar 2016. Il-ftehim mal-intimat kien li nofs is-somma tintuża f'investimenti ta' riskju għoli (*high-risk*) u n-nofs l-ieħor jintuża f'investimenti ta' riskju baxx (*low-risk*).

33. B'hekk ġie ppruvat, fuq bażi ta' probabbilità, li s-somma ta' €40,000 ġiet ikkonsenjata mir-rikorrenti għall-użu determinat u taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-restituzzjoni.

---

[26] *Il-Pulizija vs Karmenu Catania,* Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 8 ta' Ottubru 1941.
[27] *Il-Pulizija vs Giuseppa Cauchi*, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 21 ta' Novembru 1953, Vol.37E.IV.1202.

*Il-konverżjoni*

34. Mill-provi prodotti joħroġ li l-flus ikkonsenjati ma ntużawx kif ġie miftiehem. Minkejja l-ftehim li r-rikorrenti kellhom mal-intimat sabiex dan jinvesti nofs is-somma tagħhom f'investimenti b'riskju għoli u n-nofs l-ieħor f'investimenti b'riskju baxx, l-intimat falsament iddikjara fuq il-kwestjonarju tagħhom li huma riedu jinvestu s-somma sħiħa f'investimenti b'riskju għoli. Apparti dan, meta r-rikorrenti tkellmu ma' rappreżentanti tal-kumpaniji *GBE Safeway Transactions Limited* u ta' *MABECO Consulting AG Asset Management*, irriżulta li ma kienx hemm flus fil-kontijiet bankarji tagħhom, għall-kuntrarju ta' dak li kien qalilhom l-intimat – u cioè li flushom qiegħdin fil-kontijiet bankarji rispettivi tagħhom u li dawn kienu għamlu profitt ta' €7,500 kull wieħed. Apparti dan, il-ftehim mal-intimat li l-investiment tar-rikorrenti jiġi rritornat mal-iskadenza tat-terminu kuntrattwali (cioè malli tkun għaddiet sena mill-kuntratt), qatt ma ġie onorat minn Vladimir, minkejja li issa għaddew aktar minn seba' snin minn meta għalaq il-kuntratt, u minkejja d-diversi wegħdiet fiergħa li għamel l-intimat.

35. B'hekk jirriżulta ppruvat, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, l-element ta' 'konverżjoni'.

*Mens rea*

36. Jidher li l-għemil tal-intimati kien intiż għall-profitt personali tagħhom. Infatti fuq il-kuntratt li daħal fih Vladimir, jidher li hija l-kumpanija *Kingstone Group Limited* – li tappartjeni lill-intimati – li kellha tibbenefika mill-'investiment' tar-rikorrenti. Huma l-konvenuti stess li lir-rikorrenti għarrfuhom li jgħixu ħajja lussuża mill-qliegħ li jagħmlu f'dan ix-xogħol. Għalhekk, il-qorti sejra tqis li, fuq bażi ta' probabbilità, it-tielet rekwiżit ġie wkoll ippruvat.

37. B'hekk, abbażi tal-provi prodotti u fuq proponderanza ta' probabbilitajiet, jirriżulta ippruvat ir-reat ta' misappropprijazzjoni (jew approprijazzjoni bla jedd).

**Ir-reat ta' frodi**

38. Ir-rikorrenti qiegħdin jallegaw li seħħ ukoll ir-reat ta' frodi[28] – liem reat isib ruħu fl-artikolu 308 tal-Kap. 9:-

> Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.

39. Biex jissussisti dan ir-reat, jeħtieġ prova ta' erba' affarijiet. Fl-ewwel lok jeħtieġ prova li sabiex jagħti fidi lill-gidba tiegħu, l-akkużat għamel użu mill-artifizi jew mir-raġġiri speċifikati fil-liġi, cioè li għamel użu ta' "mezzi kontra l-liġi," "ismijiet foloz", "kwalifiki foloz", jew inkella li inqeda "b'qerq ieħor, ingann, jew" li wera "ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika" (fil-ġurisprudenza dawn huma magħrufa bħala 'mise en scene').[29]

40. Fit-tieni lok, bl-użu ta' dawn il-mezzi irid ikun ġie pperpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, li jwassal sabiex il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali, bħal per eżempju li volontarjament tispossessa ruħha minn xi flus jew oġġetti ('telf patrimonjali').[30] Fit-tielet lok, dan irid ikun sar bi qliegħ għall-aġent ('qliegħ'), u finalment jeħtieġ l-element formali tar-reat cioè l-intenzjoni tal-frodatur li jinganna biex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu ('mens rea').[31]

*Mise en scène*

41. F'dan il-każ, Vladimir ippresta ruħu bħala l-*Head of Business Development* ta' *Sensus Capital Markets Limited*, kumpanija Maltija li fiż-żmien in kwistjoni kienet awtorizzata u

---

[28] Taħt il-liġi penali Taljana, dan ir-reat huwa magħruf bħala 'truffa' filwaqt li taħt il-liġi penali Ingliża dan huwa magħruf bħala 'deception' ('obtaining money or property by false pretences').
[29] *Il-Pulizija vs Anthony Chircop*, Qorti tal Appelli Kriminali deċiża 16 ta' Settembru, 1944, Vol. XXXII/IV/755.
[30] *Il-Pulizija v Anthony Francis Willoughby*, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża it-12 ta' Frar 1999.
[31] *Il-Pulizija vs Lourdes Castillo*, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (sede kriminali), deċiża 19 ta' Settembru 2012.

liċenzjata biex tipprovdi dawn is-servizzi ta' investiment. B'hekk huwa għamel użu ta' kwalifiki foloz u għamilha ta' bir-ruħu li għandu s-setgħa li jirrappreżenta kumpanija awtorizzata għal dan it-tip ta' servizzi – meta fil-verità huwa qatt ma kellu t-tali setgħa, ħila jew kwalifika. B'hekk, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, l-ewwel rekwiżit cioè l-użu tal-artifizi u raġġiri speċifikati (*mise en scène*) ġie ppruvat.

*Telf patrimonjali*

42. L-użu ta' dawn l-artifizi u raġġiri wassal sabiex ir-rikorrenti jispossessaw ruħhom volontarjament mis-somma globali ta' €40,000, taħt il-pretensjoni li din is-somma kienet ser tintuża f'investimenti finanzjarji. B'hekk, b'konsegwenza tal-ingann tal-intimati, ir-rikorrenti sofrew telf patrimonjali. Dan ifisser li t-tieni rekwiżit ġie wkoll sodisfatt.

*Il-qliegħ u l-mens rea*

43. Fl-istat ta' provi li għandha quddiemha, il-qorti hija tal-fehma li l-aġir tal-intimati kien intiż sabiex joħloq stampa fittizja ta' negozju leġittimu, biex inissel fir-rikorrenti il-fiduċja fil-ħila u fil-kapaċità tal-intimati u biex iġiegħel lir-rikorrenti jemmnu li l-intimati setgħu jgħinuhom jaqilgħu l-flus. L-interess tar-rikorrenti nfatti feġġ hekk kif l-intimati stqarru magħhom li bil-qliegħ li kienu jagħmlu min-negozju tagħhom, huma setgħu jgħixu ħajja lussuża. Peress li l-intimat għamilha ta' bir-ruħu li kien qiegħed jirrappreżenta kumpanija li legalment u leġittimament topera f'dan il-qasam, ir-rikorrenti emmnu li n-negozju tal-intimat kien wieħed leġittimu. L-użu tal-uffiċju ta' *Argentius*, kumpanija finanzjarja oħra, jidher li kien ukoll intiż biex jagħti semblenza ta' kreddibilità lin-negozju tiegħu.

44. Però dan kollu ma jidher li kien xejn għajr raġġiri u artifizi intenzjonati biex jnisslu fidi fil-gidba tal-intimati. Fil-verità, in-negozju tal-intimat ma kienx jeżisti u l-intimat qatt ma kellu s-setgħa jew l-awtorizzazzjoni biex jaġixxi f'isem *Sensus Capital Markets Limited*. Jidher li l-intenzjoni tal-intimati kienet li dawn jipprokuraw il-konsenja tal-flus b'ingann, u li dawn qatt ma kellhom l-intenzjoni li jirritornaw il-flus. Infatti, għalkemm skontu r-rikorrenti kienu għamlu profitt ta' €15,000 fuq l-investiment tagħhom, u minkejja d-diversi

wegħdiet li għamel, l-intimat qatt ma reġa' rritorna ċenteżmu mill-investiment tar-rikorrenti. Anzi jidher li ftit wara li r-rikorrenti kienu ddepożitaw il-flus, huwa kien neħħihom mill-kontijiet bankarji tagħhom u dana permezz tal-prokura li huwa ottjena mir-rikorrenti b'qerq u ingann. Dan fisser li l-flus tar-rikorrenti ma baqgħux taħt il-kontroll tagħhom, u li b'hekk l-intimati setgħu jarrikixxu ruħhom minn flushom.

45. B'hekk abbażi tal-provi prodotti u fuq proponderanza ta' probabbilitajiet, jirriżulta li ġie pprovat ir-reat ta' frodi.

**Imputabbilità tal-intimati**

46. F'dan kollu jidher li Vladimir kien parteċipant attiv u kellu rwol primarju. Infatti kien hu li għamilha ta' bir-ruħu li kien il-*Head of Business Development* ta' *Sensus Capital Markets Limited*, li kien qiegħed jikkomunika frekwentament mar-rikorrenti bejn 2016 – 2017 u li ffirma l-kuntratt magħhom. Kien hu li r-rikorrenti awtorizzaw sabiex għan-nom ta' *Sensus Capital Markets Limited*, jaġixxi f'isimhom. B'hekk skont l-artikoli 1031, 1032, u 1033 tal-Kap. 16, huwa obbligat li jwieġeb għall-ħsara li ġiet ikkaġunata minn għemilu.

47. Ir-responsabbiltà ċivili ta' martu, Marianna, hija ftit inqas ċara għaliex mill-provi prodotti ma jidhirx li din kienet parteċipanta daqstant attiva daqs żewġha fil-frodi u l-misapproprijazzjoni. Tajjeb li jingħad li sabiex il-qorti tkun tista' tikkundannaha għad-danni, jeħtieġ ness kawżali fil-konfront tagħha li jorbotha mal-inċident,[32] cioè xi prova diretta jew indiretta li jorbtuha mal-att delittwali li wassal għall-ħsara.[33]

48. Però, ta' min jinnota wkoll li fil-kamp ċivili it-tifsira ta' kompliċità hija aktar wiesgħa mit-tifsira li din tingħata fil-kamp kriminali:

> La complicità civile e più estesa dalle penali ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamento stato o non concerto precedenti, sia o no possibile di determinare la parte di ciascun complice, bastando il prendere parte anche secondaria agli atti che preparano ed assicurarono l'offesa.[34]

---

[32] *Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo,* Qorti tal-Appell, deċiża 17 ta' Ottubru 2008.
[33] *MIB Insurance Brokers (Malta) Ltd vs Maria Camilleri pro et,* Qorti tal-Appell, deċiża 26 ta' Ġunju 2015.
[34] Giorgio Giorgi, *Della Obbligazioni* Vol V n 192, pg 282.

49. F'dan il-każ ir-rikorrenti jgħidu li Marianna kienet tkun preżenti fil-laqgħat li kien ikollhom ma' Vladimir. Hija wkoll jidher li kellha xi rwol fl-ingann tar-rikorrenti. Apparti dan hija wkoll direttriċi u azzjonista tal-kumpanija *Kingstone Group Limited* – cioè l-kumpanija li kellha tapprofitta ruħha mill-ftehim mar-rikorrenti. Għalhekk jeżistu provi diretti u indiretti li jorbtuha mal-frodi u l-misapproprijazzjoni tar-rikorrenti, u għalhekk taħt il-liġi ċivili għandha tiġi meqjusa bħala komparteċipi jew kompliċi fl-att delittwali.

50. Il-fatt li Marianna kellha parti inqas attiva minn Vladimir ma jfissirx li r-responsabbiltà ċivili tagħha ser tkun inqas qawwija minn dik ta' żewġha. Dan għaliex skont l-artikolu 1049 tal-Kap. 16, meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija *in solidum*.

51. Għalhekk, Marianna ser titqies responsabbli *in solidum* ma' Vladimir għall-ħsarat ikkawżati lir-rikorrenti.

**Danni**

52. B'riżultat tal-għemil tal-intimati, ir-rikorrenti sofrew it-telf ta' €40,000. Huma ma ressqu l-ebda provi ta' danni oħra, u għalhekk il-qorti sejra tillikwida d-danni fis-somma ta' €40,000.

**Parti deċiżiva**

53. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi:-

a. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-għemil tal-intimati fis-somma ta' €40,000; u

b. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' mandat ta' inibizzjoni Nru. 126/2023AF. Bl-imgħax legali mis-7 ta' Jannar 2016 sal-ġurnata tal-pagament effettiv.[35]

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[35] Art. 1878 tal-Kap. 16